

V

(Avviżi)

PROCÉDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-3 ta' Settembru 2009 — Moser Baer India Ltd vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, Committee of European CD-R and DVD+/-R Manufacturers (CECMA)

(Kawża C-535/06 P) ⁽¹⁾

(Appell — Dumping — Importazzjonijiet ta' compact disks li jistgħu jkunu rrekordjati li joriġinaw mill-Indja — Regolament (KE) Nru 960/2003 — Kalkolu tal-ammont tas-sussidju suggħett għal miżuri ta' kumpens — Determinazzjoni tal-ħsara — Artikolu 8(7) tar-Regolament (KE) Nru 2026/97)

(2009/C 256/02)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Appellant: Moser Baer India Ltd (rappreżentanti: K. Adamantopoulos, dikigoros, R. MacLean, Solicitor)

Appellati: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, aġġent u G. Berrisch, Rechtsanwalt), Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. van Vliet u T. Scharf, aġġenti), Committee of European CD-R and DVD+/-R Manufacturers (CECMA)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tal-4 ta' Ottubru 2006, Moser Baer India vs Il-Kunsill (T-300/03), li ċaħdet rikors intiż għall-annullament tar-Regolament (KE) Nru 960/2003, tat-2 ta' Ġunju 2003, li jipponi taxxi kumpensatorji definitivi fuq importazzjonijiet ta' compact disks li jistgħu jkunu rrekordjati li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 138, p. 1), sa fejn din tikkonċerna lill-appellant.

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Moser Baer India Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.
- (3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 69, 24.03.2007

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-3 ta' Settembru 2009 — Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-166/07) ⁽¹⁾

(Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 1968/2006 — Kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda — Għażla tal-bażi legali)

(2009/C 256/03)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: I. Klavina, L. Visaggio u A. Troupiotis, aġġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Vitro u M. Moore, aġġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Flynn u A. Steiblytè, aġġenti), I-Irlanda (rappreżentant: D. O'Hagan, aġġent), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u I-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: S. Behzadi-Spencer, aġġent u D. W. Anderson QC, barrister)

Suġġett

Annnullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1968/2006, tal-21 ta' Diċembru 2006, dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010) (ĠU L 409, p. 81 u — corrigendum — ĠU 2007, L 36, p. 31) — Għażla tal-bażi legali — Artikolu 308 KE (Konsultazzjoni tal-Parlament/Unanimità fil-Kunsill) — Tisħiħ tal-koeż-żoni ekonomika u soċjali — Azzjonijiet speċifiki neċessarji sabiex jissupplimentaw dawk adottati fil-kuntest tal-Fondi Strutturali — Konsolidazzjoni tal-proċess ta' paċċi fl-Irlanda ta' Fuq — Artikolu 159 KE (Proċedura ta' kodeċiżjoni)

Dispożittiv

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1968/2006, tal-21 ta' Diċembru 2006, dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010) huwa annullat.
- (2) L-effetti tar-Regolament Nru 1968/2006 għandhom jinżammu sad-dħul fis-seħħi, fterminu raġonevoli, ta' regolament ġidid adottat fuq bażi legali xierqa.
- (3) L-annullament tar-Regolament Nru 1968/2006 ma jaffettwa la l-validità tal-ħlasijiet magħmula u lanqas dik tal-impenji meħuda abbażi tal-imsemmi regolament.
- (4) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.
- (5) L-Irlanda, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 155, 07.07.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Settembru 2009 — Papierfabrik August Koehler AG, Bolloré SA, Distribuidora Vizcaína de Papeles SL vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawżi magħquda C-322/07 P, C-327/07 P u C-338/07 P) ⁽¹⁾

("Appelli — Akkordji — Suq tal-karta saħħara — Nuqqas ta' qbil bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-deċiżjoni kkontestata — Ksur tad-drittijiet tad-difiża — Konsegwenzi — Żnaturament tal-provi — Parteċipazzjoni fil-ksur — Tul tal-ksur — Regolament Nru 17 — Artikolu 15(2) — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi — Prinċipju ta' trattament ugħwali — Prinċipju ta' proporzjonalità — Obbligu ta' motivazzjoni — Dewmien raġonevoli tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza")

(2009/C 256/04)

Lingwi tal-kawża: Il-Ġermaniż, il-Franċiż u l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: Papierfabrik August Koehler AG (rappreżentanti: I. Brinker u S. Hirsbrunner, Rechtsanwälte, J. Schwarze, Universitätsprofessor,) Bolloré SA, (rappreżentanti: C. Momège u P. Gassenbach, avocats), Distribuidora Vizcaína de Papeles SL (rappreżentanti: E. Pérez Medrano u M. T. Díaz Utrilla, abogados)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: W. Mölls u F. Castillo de la Torre, aġenti, H.-J. Freund, Rechtsanwalt, N. Coutrelis, avocate)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' April 2007, Bolloré et vs Il-Kummissjoni (T-109/02,

T-118/02, T-122/02, T-125/02, T-126/02, T-128/02, T-129/02, T-132/02 u T-136/02 — Akkordju dwar l-iffissar ta' prezzijiet fis-settur tal-karta saħħara — Ksur tad-drittijiet tad-difiża fdak li jikkonċerna l-provi tal-parteċipazzjoni tal-appellant fil-ksur qabel Ottubru 1993 (provi żbaljati, insuffiċjenti u kontraditorji) — Ksur tal-prinċipji ta' trattament ugħwali u ta' proporzjonalità fdak li jirrigwarda l-iffissar tal-ammont tal-multa (peress illi l-appellant hija impiża żgħira tal-familja li m'għandhiex aċċess għas-swieq kapitali)

Dispożittiv

- (1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tas-26 ta' April 2007, Bolloré et vs Il-Kummissjoni (T-109/02, T-118/02, T-122/02, T-125/02, T-126/02, T-128/02, T-129/02, T-132/02 u T-136/02), hija annullata inkwantu tikkonċerna lil Bolloré SA.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/337/KE, tal-20 ta' Diċembru 2001, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E 1/36.212 — Karta saħħara), hija annullata inkwantu tirrigwarda lil Bolloré SA.
- (3) L-appelli ppreżentati minn Papierfabrik August Koehler AG u Distribuidora Vizcaína de Papeles SL huma miċħuda.
- (4) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell fil-Kawża C-327/07 P.
- (5) Papierfabrik August Koehler AG u Distribuidora Vizcaína de Papeles SL huma kkundannati għall-ispejjeż tal-Kawża C-322/07 P u C-338/07 P rispettivament.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 22.09.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Settembru 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank te 's-Gravenhage — l-Olanda) — AHP Manufacturing BV vs Bureau voor de Industriële Eigendom

(Kawża C-482/07) ⁽¹⁾

(Dritt ta' privattiva — Prodotti farmaċewtiċi — Regolamenti (KEE) Nru 1768/92 u (KE) Nru 1610/96 — Ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali — Kun-dizzjonijiet għall-għoti ta' ċertifikati lil żewġ detenturi jew iktar ta' privattivi bażiċċi għall-istess prodott — Preċiżjoni rigward l-eżistenza ta' applikazzjonijiet pendenti)

(2009/C 256/05)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Qorti tar-rinvju

Rechtbank te 's-Gravenhage